MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Talba Numru. 690/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**
**Dennis Cachia (ID546152M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Marzu, 2005, fejn intalab il-hlas ta' elf mitejn u tnejn u hamsin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1252.28), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 690957 gja 776364 skond kif jirrizulta mid-dokumenti mmarkat Dok.A u Dok.B annessi mal-avviz.**
**Illi l-konvenut interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Awissu, 2000 u bl-imghaxijiet mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-13 t'April, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mitejn u tnejn u hamsin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1252.28) bl-imghax legali mit-2 t'Awissu, 2000, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------